# Antonio Debono (1897-1966)

## *Superjur fil-MUSEUM (1911-1966)*

**Kitba ta' Philip E. Said**



Meta fl-aħħar pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ ktibt dwar xi persunaġġi Żebbuġin li huma mfakkra fl-ismijiet tat-toroq madwar ir-raħal tagħna, xi wħud qaluli: "Issa jmisskom (jiġifieri l-Kunsill) issemmu triq għas-Superjur Debono. Dak ħaqqu għax hu kien bdieh il-M.U.S.E.U.M. hawnhekk!". Kummenti u suġġerimenti bħal dawn jolqtuni, l-ewwelnett għax ninduna li l-qari, l-aktar dak dwar il-ħajja u l-istorja tal-lokalitajiet tagħna, għadu mfittex. Imbagħad għax nifhem li l-ħidma u s-sagrifiċċju ta' nies li ħadmu bis-sħiħ għall-oħrajn qegħdin jiġu apprezzati u li l-bniedem ta' llum għandu mudelli tajbin ma' min jidentifika ruħu.

Il-kumment ta' dawk li kellmuni kien proprju dwar is-**Superjur Antonio Debono**. Bosta huma l-anzjani irġiel f'Ħaż-Żebbuġ li jiftakru s-Superjur Debono u li għadhom igawdu mill-ġid li għamel ma' tant tfal, żgħażagħ u kbar, l-aktar f'Ħaż-Żebbuġ. Għalihom is-Superjur Debono huwa sinonimu mal-M.U.S.E.U.M. Aktar minn persunaġġ, Debono hu istituzzjoni li fis-skiet u bl-umiltà, iżda b'konsistenza u konvinzjoni, ġab bidla f'Ħaż-Żebbuġ li kellha effett fuq oqsma oħra tas-soċjetà Maltija. Jixraq li nfakkru lis-Superjur Debono fil-mixja twila lejn din il-bidla l-aktar issa li l-Fundatur tas-soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. li għaliha Debono ddedika ħajtu ġie dikjarat mill-Knisja bħala Qaddis, proprju f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tas-soċjetà fuq livell nazzjonali. Din is-sena wkoll il-Qasam ta' Ħaż-Żebbuġ, Qasam 10, qiegħed ifakkar is-96 sena mill-bidu tiegħu mill-istess Debono fuq stedina ta' Dun (illum San) Ġorġ Preca.

It-tifkira ta'dawk li ħadmu biex jiżviluppaw il-komunità mhix sempliċement eżerċizzju mentali biex immorru lura fil-ġrajjiet ta' l-imgħoddi. Hu t-tiġdid ta' valuri li ggwidaw il-mixja lejn l-iżvilupp komunitarju. It-tifkira ta' l-imgħoddi, għalhekk, għandha fiha l-preżent fis-sens li ġġedded dak li seħħ biex nadottawh f'ħajjitna aħna llum. It-tifkira tas-Superjur Debono tibqa' attwali għal erba' raġunijiet: il-ħidma twila tiegħu fil-M.U.S.E.U.M., mifruxa tista' tgħid tul ħajtu kollha; ir-ritmu ħaj u kostanti li bih mexxa t-tagħlim tad-Duttrina Nisranija; id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u t-tixrid tagħha; il-kitbiet spiritwali. Dawn kienu l-karatteristiċi li żejnu l-karriera reliġjuża tiegħu bħala membru korporat, edukatur reliġjuż u Superjur ta' l-Oqsma ta' Ħaż-Żebbuġ u Ħ'Attard.

## Qabel is-Sejħa

Antonio Debono twieled Ħaż-Żebbuġ nhar it-12 ta' Mejju ta' l-1897 minn Ġużeppi u Marjanna Agius.[1] Kien il-kbir fost sitt subien u sitt ibniet. Il-ħames ħutu subien kienu Karmenu (li jiġi n-nannu ta' Patri Philip Cutajar, Missjunarju Kapuċċin ġewwa Kuba), Pinu, Manwel, Luret (missier il-mejjet Mikiel (imprenditur mal-kumpanija tal-karozzi Toyota, u benefattur), u Dwardu. It-tieni fl-età fil-familja kienet Annunzjata (Lonza, omm Dun Philip

Gatt). L-aħwa bniet l-oħra kienu Maria Stella, Ludgarda (mart Filippu Grech, benefattur tal-festa ta' San Filep u fundatur tal-Każin 12 ta' Mejju), Ġużeppa, Emilja u Elena soċi fil-qasam tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żebbuġ. Fost is-sitt aħwa subien u s-sitt aħwa bniet kienu Antonio u Elena li ma żżewġux. Għal Antonio u Elena il-Mulej kellu triq oħra – dik li jaqduH aktar mill-qrib billi jiddedikaw ħajjithom għat-tixrid tal-Kelma t'Alla fi ħdan il-M.U.S.E.U.M. Antonio u Elena għarfu din is-sejħa u wieġbu għaliha b'impenn sħiħ.

Debono attenda l-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ, u hawn mill-ewwel wera interess fit-tagħlim. Nies li kienu jafuh fiż-żmien ta' l-iskola, fosthom missieri (1887-1970), kienu jirrakkontaw li Debono kien tajjeb fl-iskola, l-aktar fil-matematika. Prova ta' dan kien il-fatt li malli temm il-kors ta' l-iskola primarja, l-awtoritajiet ta' l-edukazzjoni sejħulu biex jibda jgħallem lit-tfal ta' l-iskola, bħala assistent tas-surmast. Qegħdin fis-sena 1911 meta Debono kellu bejn 14 u 15-il sena. Kien żmien meta l-iskejjel primarji kienu tferrxu sew ma' Malta u Għawdex, iżda r-rata ta' l-attendenza kienet għadha baxxa ħafna (Zammit Mangion, 2000). Nagħtu ħjiel ħafif ta' l-istat ta' l-edukazzjoni f'Malta f'dawn iż-żminijiet biex nifhmu aħjar il-kuntest soċjali u storiku.

## L-Edukazzjoni lejn nofs is-Seklu 18 u l-bidu tas-Seklu 20[2]

Bilkemm laħqu għaddew tletin senamill-ħakma ta' l-Ingliżi f'Malta li l-Maltin ma bdewx jindunaw bit-tnaqqir ta' jeddijiethom. Dan wassal biex fl-1832 twaqqaf kumitat ta' rappreżentanti Maltin, imsejjaħ *Comitato Generale Maltese*, immexxi minn Camillo Sciberras u George Mitrovitch, biex iqiegħed il-każ tal-Maltin għal aktar drittijiet fix-xogħol, il-liberta' ta' l-istampa u l-edukazzjoni. L-ewwel riżultati dehru fit-twaqqif tal-Kummissjoni Rjali ta' l-1836-39 li, fost ir-rapporti tagħha, għamlet rapport interessanti dwar il-qagħda ta' l-edukazzjoni f'Malta. Fost ir-rakkomandazzjonijiet li għamlet, kien hemm dik li jinfetħu skejjel primarji fi rħula ċentrali. Waħda minn dawn l-iskejjel ġodda kienet dik ta' Ħaż-Żebbuġ li fetħet fl-istess żmien ta' dik ta' Ħal Lija u ż-Żurrieq. Marbuta ma' dan kien hemm li l-edukazzjoni tal-poplu kellha tkun mingħajr ħlas, u li t-tagħim tar-reliġjon kellu jkun dak tar-reliġjon kattolika, u biex dan isir il-kappillani ngħataw id-dritt li jżuru l-iskejjel. Żvilupp importanti fit-tixrid ta' l-edukazzjoni kienet il-Liġi ta' l-Istampa ta' l-1839 li biha bdew jinfetħu stamperiji f'Malta u kotba bdew jiġu mitbugħa. It-tixrid ta' l-informazzjoni stampata f'kotba, gazzetti u pubblikazzjonijiet oħra ħajjar lin-nies biex jaqraw aktar u saħħaħ il-bażi tad-demokrazija.



***Antonio Debono***

Hawnhekk tajjeb li nsemmu s-sehem importanti tal-Kanonku Paolo Pullicino (1815-1890) li kien fdat mill-Gvernatur Sir Richard More O'Farrell bir-riorganizzazzjoni ta' l-edukazzjoni. Pullicino jibqa' msemmi l-aktar għall-programm mifrux ta' ftuħ ta' skejjel primarji imfassal fuq teoriji moderni ta' l-edukazzjoni, l-aktar dawk ta' Heinrich Pestalozzi (1746-1827). Il-programm kien jinkludi l-bidu ta' skejjel primarji f'kull belt u raħal f'Malta u Għawdex, u mhux fi bliet ċentrali kif kienet irrakkomandat il-Kummissjoni Rjali ta' l-1836. L-iskejjel tqassmu fi tliet kategoriji: l-ewwel kategorija fejn it-tagħlim kien iwassal sas-sitt klassi, it-tieni kategorija b'tagħlim sar-raba' klassi, u t-tielet kategorija għat-tfal kollha mill-iżgħar irħula, fejn it-tagħlim kellu

jkun wieħed bażiku sat-tielet klassi. Sabiex jassigura metodoloġija adattata, Pullicino beda s-sistema ta' għalliema assistenti biex jieħdu ħsieb klassijiet sħaħ fis-suġġetti kollha għall-perjodu fiss. L-għalliema-assistenti kienu jgħinu s-surmastrijiet fil-programmi ta' tagħlim. Fuq il-prinċipji ta' Pestalozzi, Pullicino ssuġġerixxa li l-edukazzjoni tat-tfal fl-iskejjel kollha tingħata b'mod naturali u fuq kollox bl-imħabba. Kien bit-tħabrik u bl-entużjażmu ta' Pullicino li l-Università ta' Malta bdiet kors għat-taħriġ fit-teorija u l-metodoloġija tat-tagħlim għal dawk li riedu jkunu surmastrijiet ta' l-iskejjel.

Komplew saħħew dan il-moviment ta' qawmien fl-edukazzjoni għall-poplu filantropi Maltin bħal: Vincenzo Bugeja (1820-1890) li ħalla legati biex imorru għal boroż ta' studju u premjijiet fl-Università, waqqaf konservatorju għall-bniet u skola industrijali għas-subien; Manwel Dimech (1860-1921) li kien iħeġġeġ lill-membri tax-Xirka ta' l-Imdawlin biex jgħallmu jaqraw u jiktbu; Dun Ġwann Mamo (1878-1935) li waqqaf skola tas-snajja' għas-subien f'Ħal Tarxien, u Dun Ġorġ Preca (1880-1962) li ddemokratizza t-tagħlim tal-Katekiżmu, l-aktar bil-qari tal-Kotba Mqaddsa, fost it-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti. Il-fatt li fl-1911, minn 50,000 tifel u tifla f'Malta, 35,000 biss kienu jmorru l-iskola juri l-valur ta' l-isforz ta' dawn l-edukaturi biex ikattru t-tagħlim fost il-Maltin.

Dan kien l-isfond edukattiv li fih Antonio Debono beda l-karriera tiegħu ta' għalliem fl-1911, bidu li ħabat mas-sejħa tiegħu biex jibda l-Qasam tal-M.U.S.E,U.M. f'Ħaż-Żebbuġ. Kienu karriera u missjoni li mxew flimkien u wieżnu 'l xulxin sew.

## Jibda l-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żebbuġ

Kien il-25 ta' Jannar 1911, festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, meta Dun Ġorġ iltaqa' ma' Antonio Debono fi Pjazza San Filep, u nfurmah li kienu krew dar fi Triq l-Isqof Caruana għat-tagħlim tad-duttrina. Malli Dun Ġorġ lemaħ lil Debono, instama' jgħid: "Dan hu, dan hu!" biex jidentifika lil Debono bħala l-persuna li kellha tmexxi dik id-dar. Il-Ħadd ta' wara, 2 ta' Frar, wara avviż fil-knisja l-kbira mill-Arċipriet Dun Albert Dalli, inġabar l-ewwel grupp ta' tfal għad-duttrina. Debono fehem il-messaġġ ta' Dun Ġorġ u mill-ewwel ħa f'idejh it-tmexxija tad-dar bil-għan li jġib 'il quddiem it-tagħlim tad-duttrina. Hawnhekk bdiet tinħass l-influwenza ta' l-esperjenza tiegħu bħala għalliem: qassam it-tfal fi klassijiet iżgħar skond l-età u l-livell tat-tagħlim fid-duttrina, u sabiex ikollu aktar organizzazzjoni għażel l-akbar sitt itfal fl-età biex imexxu huma l-klassijiet tagħhom. Fost dawn kien hemm Filippu Bonnici (aktar 'il quddiem saċerdot), Filippu Farrugia (ħu Dun Piju Farrugia, aktar 'il quddiem professur tal-mediċina), u Pietru Cachia (aktar 'il quddiem Maġġur tal-Pulizija, missier Monsinjur Lawrenz Cachia).



*Id-dar tal-Mużew fi Triq Sant'Antnin*

Marbuta mal-bidu tax-xogħol tiegħu bħala Superjur tad-dar ġdida tad-duttrina f'Ħaż-Żebbuġ, Debono kien spiss jirrakkonta esperjenza personali. Kien sar il-ħin biex jibda l-

lezzjonijiet, u wara li xegħel it-tazzi taż-żejt fl-art, fetaħ il-bieb biex jidħlu t-tfal. It-tfal marru b'ġirja waħda biex jidħlu f'daqqa. Is-Superjur Debono nfixel għax baża' li jista' jitgħaffeġ xi ħadd. Dak il-ħin lemaħ raġel li refa 'jdejh u kkalma t-tfal li daħlu għal-lezzjoni bil-kwiet.. Lil dan, Debono qatt ma kien rah qabel u lanqas qatt rah iżjed. Meta kollox ikkwieta s-Superjur Debono ħareġ biex jirringrazzjah, iżda dak ir-raġel ma deherx. Kienet esperjenza li baqa' jsemmi għal bosta żmien wara, iżda li qatt ma rnexxielu jispjega.

## Xhieda Ħajja ta' Vokazzjoni

Il-kejl tal-valur u s-suċċess ta' proġett jidher mill-effetti pożittivi li dan ikollu fuq ambjenti oħrajn. Fil-każ tal-M.U.S.E.U.M. bħala istituzzjoni nazzjonali dan deher, u għadu jidher fi żmienna, fil-bidla fil-kwalità tal-ħajja ta' bosta familji Maltin. Fil-każ tal-Qasam ta' Ħaż-Żebbuġ deher fil-fatt li kien strumentali biex jinfetħu oqsma oħra fil-qrib. Fid-19 ta' Ġunju 1919 il-Qasam ta' Ħaż-Żebbuġ għen biex jinfetaħ il-Qasam ta' H'Attard. Is-Superjur Debono, b'att ta' altruwismu u ħeġġa reliġjuża, kien lest li jħalli l-post ta' Superjur f' Ħaż-Żebbuġ biex imur H'Attard basta jara l-Qasam ġdid jixxettel u jikber. Miegħu marru żewġ soċi oħra, Ninu Grech u Pinu Mifsud. Maż-żmien, il-Qasam ta' Ħaż-Żebbuġ kompla juri l-appoġġ u jagħti s-servizz tiegħu biex jinfetħu l-Oqsma tas-Siġġiewi u Ħal Luqa.

Sakemm Debono serva bħala Superjur H'Attard (1919-1924), il-Qasam ta' Ħaż-Żebbuġ kellu bħala Superjur lil Nikola Cilia sakemm f'Jannar ta' l-1925 Debono reġa' ġie msejjaħ Ħaż-Żebbuġ. Dejjem b'sens qawwi ta' impenn fil-vokazzjoni tiegħu u bi prudenza fi kliemu, Debono kompla l-mixja spiritwali li kien qabad il-M.U.S.E.U.M. f'Ħaż-Żebbuġ. L-għaqda fost is-soċi, l-għadd dejjem jikber ta' tfal għad-duttrina, u l-għożża tas-silenzju kienu jżejnu l-Qasam f'dawn iż-żminijiet.



Id-dar fi Triq De Rohan

Bħal kull istituzzjoni serja u mifruxa oħra, il-M.U.S.E.U.M. għandu l-amministrazzjoni ċentrali tiegħu. Din tissejjaħ 'Il-Korp tal-Buon Ordni' li jikkoordina u jamministra x-xogħol ta' l-Oqsma partikulari fl-ibliet u l-irħula. Dan il-Korp Ċentrali hu magħmul minn erba' Servjenti Ġenerali, erba' Superjuri Partikulari, u erba' soċi, flimkien mas-Superjur Primarju. F'waħda mill-elezzjonijiet li saru fost il-membri kollha, is-Superjur Debono ġie magħżul wieħed mill-erba' Superjuri Partikulari. Meta l-għadd ta' l-oqsma madwar Malta u Għawdex kompla kull ma jmur jizdied, sar ferm diffiċli li Superjur ikollu responsabbiltà fil-Korp u fil-Qasam fl-istess ħin. Fuq parir ta' nies ta' fiduċja, Debono għażel li jżomm ir-responsabbiltà tal-Qasam ta' Ħaż-Żebbuġ. Debono kellu vokazzjoni waħda: dik li jgħix l-ispirtu tar-regola tal-M.U.S.E.U.M. mibnija fuq l-ispirtu evanġeliku kif kien jgħixu tant tajjeb bil-kelma u bl-eżempju Dun Ġorġ. Għaldaqstant, is-sens ta' impenn għoli fil-Qasam lokali ma naqqas xejn mid-dedikazzjoni tiegħu għall-M.U. S.E.U.M. fuq livell istituzzjonali. Fil-partikulari kien jara l-ġenerali u viċi-versa. U dan baqa' jagħmlu wkoll

fiż-żminijiet diffiċli tat-tieni gwerra dinjija (1940-1942) meta kien ilaqqa' s-soċi, fosthom dawk refuġjati f'Ħaż-Żebbuġ, f'xi rokna tal-knisja jew fl-Oratorju.

L-istabbilità toħloq l-aħjar ambjent għall-edukazzjoni u t-tagħlim, u għalhekk is-Superjur Debono kien dejjem jhewden kif il-Qasam f'Ħaż-Żebbuġ ikollu d-dar tad-duttrina tiegħu. Ittanta diversi drabi biex jakkwista d-dar li kienu fiha fi Triq Sant'Antnin, iżda billi kien għad hemm il-liġi ta' l-irkupru, il-pjan beda jfallilu. Fil-bidu tas-sena 1946, bil-għajnuna t'Alla, bil-ġenerożità tas-soċi-benefatturi, u bl-isforzi assidwi tiegħu, is-Superjur Debono qata' xewqtu bix-xiri tad-dar fi Triq De Rohan fejn il-M.U.S.E.U.M. għadu sa llum iżomm it-tagħlim tad-duttrina lil tant tfal u żgħażagħ Żebbuġin.

Bħala veru edukatur, Antonio Debono għaraf jikkombina l-edukazzjoni soċjali u l-edukazjoni reliġjuża. Dan għamlu billi rnexxielu jgħaqqad ix-xogħol tiegħu ta' għalliem fl-iskejjel u l-vokazzjoni tiegħu ta' Superjur fil-M.U.S.E.U.M. Xhieda ta' dan kompla juriha meta ħaseb biex jibda skola tas-soċjetà fid-dar ġdida tad-duttrina.

Bejn l-1954 u -1955 bdiet tiżdied id-domanda għall-edukazzjoni tat-tfal madwar Malta kollha. Billi l-iskejjel ma kinux biżżejjed biex iwieġbu għal din id-domanda qawwija, il-gvern beda jikri jew jirrekwiżizzjona djar privati. Il-pjan ta' Debono li jibda skola tas-Soċjetà kien parti minn dan l-iżvilupp ġdid. Beda bħala proġett pilota billi organizza klassijiet nhar ta' Sibt għal żgħażagħ li riedu joqogħdu għall-eżami tat-Tarzna. Dan kien eżami għall-iskola tat-Tarzna hekk magħrufa bħala l-*H.M. Dockyard Apprentice School* fejn il-livell ta' studji fl-apprendistat kien għoli ħafna. Bdiet fis-snin ta' ftit qabel u wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Ħadet post it-*Technical School* tal-Ħamrun. Flimkien mal-Fakultà ta' l-Inġinerija u l-Arkitettura li twaqqfet fl-1908 taħt il-Professur Robert V. Galea, l-*H.M. Dockyard Apprentice School* kellha livell għoli fit-tagħlim tas-snajja' u t-teknika. L-esperiment ta' Debono kien irnexxa għax għal dawn il-lezzjonijiet tas-Sibt bdew ġejjin żgħażagħ minn Ħal Qormi u mis-Siġġiewi, flimkien ma' dawk minn Ħaż-Żebbuġ. Wara li nkisbu l-approvazzjoni mill-Amministrazzjoi Ċentral tal-M.U.S.E.U.M. u l-permessi meħtieġa mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, l-iskola tas-Soċjetà bdiet f'Settembru ta' l-1955. Għal sentejn, l-iskola ħarrġet numru sabiħ ta' żgħażagħ f'suġġetti akkademiċi u tekniċi fid-dawl tal-valuri nsara. B'dan il-proġett, Debono kien wessa' l-viżjoni tad-dar tad-duttina billi għamilha wkoll ċentru ta' edukazzjoni fil-komunità.

Is-Superjur Debono issiġilla s-60 sena ta' ħidma fil-M.U.S.E.U.M. bl-għaqda sħiħa mal-Mulej nhar il-25 ta' Settembru 1966 fl-età ta 75 sena. Kien assistit waqt l-aktar moment solenni ta' ħajtu minn neputih, Dun Philip Gatt, fil-preżenza ta' oħtu Elena u Joe Axiaq, it-tnejn soċi tal-M.U.S.E.U.M. Ħalla warajh għana ta' wirt spiritwali kbir li sostna ġenerazzjonijiet sħaħ. F'kull okkażjoni li kellu rawwem ambjent b'saħħtu biex iż-żerriegħa li żera' fl-1911 tikber f'siġra kbira li kennet maż-żmien il-familji kollha Żebbuġin. It-tjieba tal-frott tagħha għamlet differenza fil-kwalità tal-ħajja ta' tant tfal, żgħażagħ u kbar matul is-snin. U għax il-ħidma li beda telqet minn għan tajjeb għandha ġo fiha l-potenzjal li tkompli tiżviluppa. U hekk urew iż-żminijiet ta warajh u hekk qed jixhdu ż-żminijiet ta' llum meta l-Fundatur tas-Soċjetà, Dun Ġorġ Preca, wasal sal-grad għoli tal-qdusija dikjarat uffiċjalment mill-Knisja nhar it-3 ta' Ġunju 2007, is-sena ċentinarja.

## Il-Wirt Spiritwali

Il-vokazzjoni tas-Superjur Debono fil-M.U.S.E.U.M. u fil-Qasam ta' Ħaż-Żebbuġ tista' tinġabar fi tliet aspetti differenti tal-wirt kbir li ħalla.

Insemmu l-ewwelnett it-tagħlim tad-duttrina li hu kien jibni fuq is-sisien sodi tal-Kelma t'Alla fil-Bibbja. Dan kien il-perm li madwaru kienu jduru ħajtu, ħsiebu u ħidmietu. Baqa' sa ma miet jaħseb fil-M.U.S.E.U.M. fejn it-tagħlim tal-Kelma t'Alla u l-edukazzjoni fil-valuri umani u reliġjużi kienu għalih l-ogħla ġid li jista' jkollu l-bniedem. Kull min kien imur jarah fl-aħħar jiem ta' ħajtu kien jisimgħu jgħid: "Meta nisma' l-qanpiena tal-M.U.S.E.U.M. iddoqq għad-duttrina ma nafx x'inħoss!" It-tagħlim kien għal qalbu wisq!

Imbagħad, hemm l-imħabba tiegħu lejn Ġesù Ewkaristija u d-devozzjoni lejn it-Tqarbin ta' kuljum. Fost il-ħafna drawwiet sbieħ li beda s-Superjur Debono kien hemm dik li jorganizza t-tqarbin ta' kuljum fost it-tfal. Is-soċi, għalhekk, kienu mħeġġa biex għall-Quddies imorru naħa waħda tal-knisja, in-naħa ta' l-artal tar-Rużarju biex it-tfal isibu 'l min jgħinhom isegwu l-Quddiesa aħjar u jkollhom ma' min jgħidu t-talb ta' qabel u wara t-Tqarbin. Fi ftit jiem inbniet sistema li serviet tajjeb biex l-attendenza tat-tfal għall-Quddiesa tkun organizzata. Min jaf kemm għenet din id-drawwa qaddisa biex is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u t-tifsira ta' l-Ewkaristija jiġu apprezzati aħjar mit-tfal! Żgur li dak li nbena b'din is-sistema serva biex ħafna jibqgħu jersqu għall-Ewkaristija b'aktar sens u ġabra. Karatteristika oħra fil-ħajja tas-Superjur Debono hi l-ħeġġa għat-tagħlim. Kien iwasslu b'kull mezz: bil-kelma, bl-eżempju u bil-kitba. Dun Ġorġ stess kien iħobb jgħid li Debono "ma kienx jixba' jiktiblu u jikkupjalu sentenzi", l-aktar sentenzi mill-Bibbja. Fuq l-eżempju ta' Dun Ġorġ li jxerred it-tagħlim permezz tal-kitba, Debono kiteb ktieb dwar l-indifferenza spiritwali bil-ħsieb li jħeġġeġ aktar għall-ħajja nisranija.

Is-Superjur Debono fehem tajjeb l-ideal li qiegħed quddiemu Dun Ġorġ, qorob kemm seta' lejh, u għexu fil-prattika tat-tagħlim tad-duttrina, l-edukazzjoni ta' tant tfal u żgħażagħ, u d-devozzjoni lejn Ġesù Ewkaristija. Il-wirt li ħallielna u li joħroġ minn dan l-ideal għadu relevanti aktar illum meta dak li ħajru għalih tqiegħed fuq l-artali tal-knejjes tagħna bħala mudell ta' riflessjoni fuq il-Kelma t'Alla, ta' edukazzjoni nisranija, u ta' impenn veru ta' servizz fi ħdan il-Knisja.

Ħaż-Żebbuġ
F'Għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-M.U.S.E.U.M.
Marzu 1907 - Marzu 2007

**Referenzi:**

Camilleri, Francesco (1971). *Storja tal-Qasam X Żebbuġ*, l-Ewwel Volum, Societas Doctrinae Christianae, M.U.S.E.U.M.
Zammit-Mangion, Joseph (2000). *L-Istorja ta' l-Edukazzjoni F'Malta*, Pubblikazzjoni PIN, pp. 31-86.
Reġistru tal-Magħmudija, Parroċċa Ħaż-Żebbuġ
Tagħrif minn Dun Philip Gatt

1 Skond ir-Reġistru tal-Magħmudijiet fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ, waqt il-Magħmudija ngħatawlu dawn l-ismijiet: Filippu, Antonio, Ġorġ, Amabile u Aloisio.

2 It-tagħrif f'din it-taqsima huwa meħud minn Joseph Zammit Mangion (2000). *L-Istorja ta' l-Edukazzjoni f'Malta*